



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12673/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0293(NLE)

ECOFIN 894
FIN 943
UEM 224

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 476 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1348 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Kroazja biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 476 final.

Mehmuż: COM(2022) 476 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.9.2022
COM(2022) 476 final

2022/0293 (NLE)
SENSITIVE*

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1348 li tagħti appoġġ
temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Kroazja biex
jittaffew ir-riskji tal-qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19**

* Distribution only on a 'Need to know' basis - Do not read or carry openly in public places. Must be stored securely and encrypted in storage and transmission. Destroy copies by shredding or secure deletion. Full handling instructions <https://europa.eu/db43PX>

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 ("ir-Regolament SURE") jistabbilixxi l-qafas legali għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri, li qed jesperjenzaw taqlib ekonomiku sever ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew li huma mhedda serjament minn tali taqlib. L-appoġġ permezz ta' SURE jservi għall-finanzjament, primarjament, ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jipproteġu l-impjegati u daww li jaħdmu għal rashom u b'hekk inaqqsu l-inċidenza tal-qgħad u t-telf tad-dħul, kif ukoll għall-finanzjament, bħala wieħed anċillari, ta' xi miżuri relatati mas-saħħa, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol.

Fis-6 ta' Awwissu 2020, il-Kroazja talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni u fil-25 ta' Settembru 2020, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1348 tagħha, il-Kunsill ta' assistenza finanzjarja lill-Kroazja bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirrispondi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema.

Fil-25 ta' Lulju 2022, il-Kroazja reġgħet talbet assistenza finanzjarja mill-Unjoni permezz tar-Regolament SURE.

F'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament SURE, il-Kummissjoni kkonsultat lill-awtoritajiet Kroati biex tivverifika ż-żieda għall-għarrieda u qawwija fin-nefqa effettiva relatata direttament ma' miżuri tas-suq tax-xogħol tal-Kroazja, kawża tal-pandemija tal-COVID-19. B'mod partikolari, dan jikkonċerna l-miżuri eżistenti msemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1348:

(a) Il-miżura eżistenti li tipprovdi kofinanzjament tas-salarji tal-ħaddiema lil negozji li jesperjenzaw tnaqqis fid-dħul meta mqabbel mal-2019, bil-kundizzjoni li r-relazzjoni tal-impjieg ma tigiż itterminata. Għal Marzu 2020, l-ammont ta' appoġġ huwa stabbilit għal HRK 3 250 għal kull impjegat full-time, u mix-xaħar ta' April 2020 'il quddiem, l-ammont ta' kull xaħar ta' appoġġ huwa stabbilit għal HRK 4 000 għal kull impjegat full-time. L-ammont ta' appoġġ għal kull impjegat jibqa' l-istess matul il-perjodu li fih il-miżura tibqa' attiva, iżda s-setturi li huma eliġibbli għal appoġġ jinbidlu maż-żmien, skont il-kundizzjonijiet ekonomiċi. Għall-perjodu minn Novembru 2020 sa Ġunju 2021, il-kumpaniji li jinsabu f'lockdown b'deċiżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali jirċievu appoġġ għal kull impjegat full-time skont l-għadd ta' jiem ta' lockdown iżda mhux aktar minn HRK 4 000 għal xaħar sħiħ ta' lockdown. Il-miżura tneħħiet fl-aħħar ta' Ġunju 2022.

(b) Il-miżura eżistenti li tipprovdi appoġġ għat-tnaqqis temporanju tal-ħin tax-xogħol¹ fil-perjodu bejn Ġunju 2020 u Diċembru 2022 lil negozji li jimpjegaw 10 impjegati jew aktar li joperaw fi kwalunkwe settur, bil-kundizzjoni li r-relazzjoni tal-impjieg ma tigiż itterminata. Il-miżura tista' tiffinanzja sa massimu ta' HRK 2 000 fix-xaħar għal kull impjegat. Il-miżura hija ppjanata li tiġi infurzata sal-aħħar ta' Diċembru 2022.

¹ Tnaqqis fis-siġħat tax-xogħol aggregati ta' kull xaħar (jiġifieri tal-ħaddiema kollha) ta' mill-inqas 10 % meta mqabbla ma' xaħar simili tas-sena ta' qabel għall-perjodu minn Ġunju sa Diċembru 2020. Minn Jannar 2021, it-tnaqqis fis-siġħat tax-xogħol ta' kull xaħar jeħtieġ li jkun ta' mill-inqas 20 % meta mqabbla max-xaħar simili tas-sena preċedenti.

Il-Kroazja pprovdiet lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti.

Wara li qieset l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni qed tipproponi lill-Kunsill biex jadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni biex tingħata assistenza finanzjarja lill-Kroazja permezz tar-Regolament SURE b'appoġġ għall-miżuri ta' hawn fuq.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta preżenti hija kompletament konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672, li skontu ssir il-proposta.

Din il-proposta qed issir apparti strument ieħor tad-dritt tal-Unjoni li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri f'każ ta' emerġenzi, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) ("ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002"). Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda dak l-istrument biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex ikopri emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri u biex jiddefinixxi operazzjonijiet speċifiċi eliġibbli għall-finanzjament, ġie adottat fit-30 ta' Marzu 2020.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn firxa ta' miżuri żviluppati b'reazzjoni għall-pandemija attwali tal-COVID-19 bħall-"Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus", u tikkomplementa strumenti oħra li jappoġġjaw l-impjiegi bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)/InvestEU. Bl-użu ta' għoti u teħid b'self f'dan il-każ partikolari tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-appoġġ tal-Istati Membri, din il-proposta taġixxi bħala t-tieni linja ta' difiża biex jiġu ffinanzjati skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, biex jiġu protetti l-impjiegi u b'hekk l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju tal-qgħad.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Baży ġuridika**

Il-baży ġuridika għal dan l-istrument hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta ssegwi talba tal-Istati Membri u turi solidarjetà Ewropea billi tipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' self temporanju lil Stat Membru affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Bħala t-tieni linja ta' difiża, tali assistenza finanzjarja tappoġġa ż-żieda fin-nefqa pubblika tal-gvern fuq baży temporanja fir-rigward tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex tgħinhom jiproteġu l-impjiegi u b'hekk lill-impjegati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju ta' qgħad u telf ta' introjtu.

Tali appoġġ se jgħin lill-popolazzjoni affettwata u jgħin biex itaffi l-impatt dirett fuq is-soċjetà u fuq l-ekonomija kkawżat mill-kriżi attwali tal-COVID-19.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tosserva l-prinċipju tal-proporzjonalità. Hija ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrument.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta u biex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkuntratta self fis-swieq finanzjarji bil-għan li tisilfu lill-Istat Membru li jkun qed jitlob assistenza finanzjarja permezz tal-istrument SURE.

Minbarra l-provvediment tal-garanziji tal-Istat Membru, hemm salvagwardji oħra fil-qafas sabiex tiġi żgurata s-solidità finanzjarja tal-iskema:

- Approċċ rigoruż u konservattiv għall-ġestjoni finanzjarja;
- Kostruzzjoni tal-portafoll ta' self li jillimita r-riskju ta' konċentrazzjoni, skopertura annwali u skopertura eċċessiva għal Stati Membri individwali, filwaqt li jiġi żgurat li jistgħu jingħataw riżorsi suffiċjenti lill-Istati Membri li huma l-aktar fil-bżonn; kif ukoll
- Possibbiltajiet ta' riportament tad-dejn.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1348 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Kroazja biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara talba mingħand il-Kroazja fis-6 ta' Awwissu 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1348³, ta assistenza finanzjarja lill-Kroazja fil-forma ta' self li jammonta għal massimu ta' EUR 1 020 600 000 b'maturità medja massima ta' 15-il sena, u b'perjodu ta' disponibbiltà ta' 18-il xahar, bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tal-Kroazja biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.
- (2) Is-self kellu jintuża mill-Kroazja biex jiġu ffinanzjati l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1348.
- (3) It-tifqigħa tal-COVID-19 ipparalizzat parti sostanzjali tal-forza tax-xogħol fil-Kroazja. Dan wassal għal żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika mill-Kroazja fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 (a) u (b), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1348.
- (4) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri straordinarji li implimentat il-Kroazja fl-2020, fl-2021 u fl-2022 biex trażżan dik it-tifqigħa u l-impatt soċjoekonomiku kif ukoll dak relatat mas-saħħa tagħha kellhom impatt drammatiku fuq il-finanzi pubbliċi. Fl-2020, il-Kroazja kellha defiċit u dejn tal-gvern estiż ta' 7,3 % and 87,3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) rispettivament, li naqas għal 2,9 % u 79,8 % rispettivament sa tmiem l-2021. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, il-Kroazja hija prevista li jkollha defiċit u dejn tal-gvern estiż ta' 1,8 % u 73,1 % tal-prodott domestiku gross (PDG) rispettivament sa tmiem l-2022. Skont it-tbassir interim tas-

² ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1348 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Kroazja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

sajf 2022 tal-Kummissjoni, il-PDG tal-Kroazja huwa proġettat li jonqos bi 3,4 % fl-2022.

- (5) Fil-25 ta' Lulju 2022, il-Kroazja talbet assistenza finanzjarja ulterjuri mill-Unjoni fl-ammont ta' EUR 550 000 000 bil-ħsieb li tkompli tikkomplimenta l-isforzi nazzjonali tagħha li wettqet fl-2020, fl-2021 u fl-2022 biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' dik it-tifqigħa għall-ħaddiema. B'mod partikolari, il-Kroazja estendiet u emendat aktar l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili stabbiliti fil-premessi 6 sa 7.
- (6) Abbażi tal-Att dwar is-Suq tax-Xogħol⁴, il-Kroazja introduċiet miżura li ttipprovdi kofinanzjament tas-salarji tal-ħaddiema lin-negozji li jesperjenzaw tnaqqis fid-dħul meta mqabbel mal-2019⁵, bil-kundizzjoni li r-relazzjoni tal-impjeg ma tintemmx. Għal Marzu 2020, l-ammont ta' appoġġ huwa stabbilit għal HRK 3 250 għal kull impjegat full-time, u mix-xahar ta' April 2020 'il quddiem, l-ammont ta' kull xahar ta' appoġġ huwa stabbilit għal HRK 4 000 għal kull impjegat full-time. L-ammont ta' appoġġ għal kull impjegat jibqa' l-istess matul il-perjodu li fih il-miżura tibqa' attiva, iżda s-setturi li huma eliġibbli għall-appoġġ jinbidlu maż-żmien, skont il-kundizzjonijiet ekonomiċi. Għall-perjodu minn Novembru 2020 sa Ġunju 2021 kumpaniji li jinsabu f'lockdown b'deċizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali jirċievu appoġġ għal kull impjegat full-time skont l-għadd ta' jiem ta' lockdown iżda mhux aktar minn HRK 4 000 għal xahar sħiħ ta' lockdown. Il-miżura hija estensjoni tal-miżura deskritta fl-Artikolu 3(a) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1348, kif previst fid-Deċiżjoni tal-Kunsill Amministrattiv tas-Servizz Kroat għall-Impjegi (CES) adottata fl-20 ta' Marzu 2020 u emendata fil-25 ta' Marzu, is-7 ta' April, id-9 ta' April, is-6 ta' Mejju, it-28 ta' Mejju, it-18 ta' Ġunju, il-25 ta' Ġunju, l-10 ta' Lulju u d-29 ta' Lulju, is-7 ta' Settembru, it-22 ta' Ottubru, l-4 ta' Novembru u l-4 ta' Diċembru 2020. Ġew adottati wkoll emendi sussegwenti mis-CES fl-2021 permezz ta' deċiżjonijiet meħuda fit-8 ta' Jannar, il-21 ta' Jannar, it-3 ta' Marzu, il-15 ta' April, it-30 ta' April, il-31 ta' Mejju, it-23 ta' Lulju, il-25 ta' Awwissu, id-29 ta' Settembru, il-15 ta' Ottubru, l-4 ta' Novembru, u fl-2022 permezz ta' deċiżjonijiet meħuda fis-27 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju⁶. Il-miżura tneħħiet fl-aħħar ta' Ġunju 2022.
- (7) Barra minn hekk, abbażi tal-“Att dwar is-Suq tax-Xogħol”, il-Kroazja introduċiet ukoll miżura li ttipprovdi appoġġ għat-tnaqqis temporanju tal-ħin tax-xogħol⁷ fil-perjodu bejn Ġunju 2020 u Diċembru 2022 lil negozji li jimpjegaw 10 impjegati jew aktar li joperaw fi kwalunkwe settur, bil-kundizzjoni li r-relazzjoni tal-impjeg ma tiġix itterminata. Il-miżura tista' tiffinanzja sa massimu ta' HRK 2 000 fix-xahar għal kull impjegat. Il-miżura hija estensjoni tal-miżura deskritta fl-Artikolu 3(b) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1348, kif previst fid-Deċiżjoni tal-Kunsill Amministrattiv tas-Servizz Kroat għall-Impjegi (CES) adottata fid-29 ta' Ġunju 2020 u emendata fl-10 ta' Lulju u fit-22 ta' Ottubru 2020, emendata

⁴ OG 118/18, 32/20

⁵ It-tnaqqis fil-kriterji tad-dħul huwa ta' 20 % fil-perjodu minn Marzu sa Mejju 2020, 50 % fil-perjodu minn Ġunju sa Diċembru 2020, u minn Jannar 2021 jeħtieġ li jkun hemm biss tnaqqis fid-dħul meta mqabbel ma' xahar simili mill-2019.

⁶ Deċiżjonijiet disponibbli fi: https://www.hzz.hr/o-hzz/upravno-vijece/upravno-vijece_sjednice-2021.php

⁷ Tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol aggregati ta' kull xahar (jiġifieri tal-ħaddiema kollha) ta' mill-inqas 10 % meta mqabbel ma' xahar simili tas-sena ta' qabel għall-perjodu minn Ġunju sa Diċembru 2020. Minn Jannar 2021, it-tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol ta' kull xahar jeħtieġ li jkun mill-inqas 20 % meta mqabbel ma' xahar simili tas-sena preċedenti.

ulterjorment fit-8 ta' Jannar 2021 u fis-27 ta' Jannar 2022⁸. Il-miżura hija ppjanata li tiġi infurzata sal-aħħar ta' Diċembru 2022.

- (8) Il-Kroazja tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-talba ta' assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672. Il-Kroazja pprovdiet lill-Kummissjoni b'evidenza xierqa li n-nefqa pubblika attwali u ppjanata żdiedet b'EUR 2 220 567 523 mill-1 ta' Frar 2020 sa tmiem April 2022 minħabba l-miżuri nazzjonali meħuda biex jiġu indirizzati l-effetti soċjoekonomiċi tat-tifqigħa tal-COVID-19. Dan jikkostitwixxi żieda għal għarrieda u qawwija minħabba li hija relatata wkoll ma' estensjoni jew emenda ta' miżuri nazzjonali eżistenti dwar l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili tas-suq tax-xogħol li jkopru proporzjon sinifikanti ta' impriżi u tal-forza tax-xogħol f'Ċipru. Il-Kroazja biħsiebha tiffinanzja EUR 631 536 540 tal-ammont miżjud ta' nfiq permezz ta' fondi tal-Unjoni u EUR 18 430 983 permezz tal-finanzjament tagħha stess.
- (9) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kroazja u vverifikat iż-żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika attwali u ppjanata direttament relatata mal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, kif imsemmija fit-talba tal-25 ta' Lulju 2022, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li tingħata assistenza finanzjarja bil-għan li l-Kroazja tiġi meġġuna tindirizza l-effetti soċjoekonomiċi tat-taqlib ekonomiku gravi kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjonijiet rigward il-maturitajiet, il-qies u r-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali u tal-partijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali.
- (11) Minħabba li l-perjodu ta' disponibbiltà indikat fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1348 skada, huwa meħtieġ perjodu ta' disponibbiltà ġdid għall-assistenza finanzjarja addizzjonali. Il-perjodu ta' disponibbiltà għall-assistenza finanzjarja mogħtija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1348 għandu jiġi estiż b'21 xahar u b'konsegwenza ta' dan il-perjodu ta' disponibbiltà totali jenħtieġ li jkun ta' 39 xahar mill-ewwel jum wara li tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1348.
- (12) Jenħtieġ li l-Kroazja u l-Kummissjoni jqisu din id-Deċiżjoni fil-ftehim ta' self imsemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672.
- (13) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura relatata ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li tista' titwettag, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.
- (14) Jenħtieġ li l-Kroazja tinforma lill-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-punt sa fejn il-Kroazja implimentat dik in-nefqa.
- (15) Id-deċiżjoni li tingħata assistenza finanzjarja ttieħdet b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet eżistenti u dawk mistennija tal-Kroazja, kif ukoll it-talbiet għal assistenza finanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2020/672 diġà ppreżentati jew ippjanati li jiġu ppreżentati

⁸ Deċiżjonijiet disponibbli fi: https://www.hzz.hr/o-hzz/upravno-vijece/upravno-vijece_sjednice-2021.php

minn Stati Membri oħra, filwaqt li jiġu applikati l-prinċipji ta' trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1348 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kroazja self li jammonta għal massimu ta' EUR 1 570 600 000. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.”;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-perjodu ta' disponibbiltà għall-ghajjnuna finanzjarja mogħtija b'din id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 39 xahar li jibdew mill-ewwel jum wara li din id-Deċiżjoni ssir effettiva.”

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-ewwel ħlas parzjali għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim tas-self previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672. Kwalunkwe ħlas parzjali sussegwenti għandu jiġi rilaxxat f'konformità mat-termini ta' dak il-ftehim ta' self jew, fejn rilevanti, ikun soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' addendum għal dan, jew ta' ftehim ta' self emendat konkluż bejn il-Kroazja u l-Kummissjoni li jissostitwixxi l-ftehim ta' self oriġinali.”;

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Il-Kroazja tista' tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

(a) is-sussidji li jippreservaw l-impjegi fis-setturi affettwati mill-COVID-19, skont l-Artikoli 35 u 36 tal-“Att dwar is-Suq tax-Xogħol” u previsti fid-“Deċiżjoni tas-Servizz Kroat għall-Impjegi tal-20 ta' Marzu 2020” u l-emendi sussegwenti permezz tad-deċiżjonijiet meħuda fil-25 ta' Marzu, is-7 ta' April, id-9 ta' April, is-6 ta' Mejju, it-28 ta' Mejju, it-18 ta' Ġunju, il-25 ta' Ġunju, l-10 ta' Lulju u d-29 ta' Lulju, is-7 ta' Settembru, it-22 ta' Ottubru, l-4 ta' Novembru u l-4 ta' Diċembru 2020. Emendi sussegwenti mis-Servizz Kroat għall-Impjegi ġew adottati wkoll fl-2021 permezz tad-deċiżjonijiet meħuda fit-8 ta' Jannar, il-21 ta' Jannar, it-3 ta' Marzu, il-15 ta' April, it-30 ta' April, l-31 ta' Mejju, it-23 ta' Lulju, il-25 ta' Awwissu, id-29 ta' Settembru, il-15 ta' Ottubru, l-4 ta' Novembru; u fl-2022, permezz ta' deċiżjonijiet meħuda fis-27 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju; u

(b) l-ghajjnuna għal sığhat tax-xogħol imnaqqsa, skont l-Artikoli 35 u 36 tal-“Att dwar is-Suq tax-Xogħol” u kif previst fid-“Deċiżjoni tas-Servizz Kroat għall-

Impjiegi tad-29 ta' Ġunju 2020" u l-emendi sussegwenti tagħha fl-10 ta' Lulju u fit-22 ta' Ottubru 2020, emendati ulterjorment fit-8 ta' Jannar 2021 u fis-27 ta' Jannar 2022.";

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Kroazja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President